**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Jannar 2023**

**<u>Rikors Guramentat Nru: 159/2022 AGV :</u>**

**JB**

**Vs**

**CS**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat JB tat-28 ta' Lulju 2022 li fih ippremetta u talab is-segwenti:**

**Rikors Ġuramentat tal-Av JB detentur tal karta tal-identita' 55574M;**

1. Illi l-partijiet isseparaw fl-10 ta' Lulju 2009 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Ritienne Bugeja Fenech (DOK A);

2. Illi l-partijiet għandhom żewġ ulied, SB li llum għandu għoxrin (20) sena u NB li llum għandu sbatax (17)-il sena;

3. Illi mal-iffirmar tal-kuntratt tas-separazzjoni fis-sena 2009, iż-żewġ ulied kienu jirreżjedu mal-intimata;

4. Illi fis-sena 2013, l-intimata fetħet kawża (152/2013) biex tvarja il-ħinijiet tal-aċċess u żżid il-manteniment;

5. Illi fil-mori ta' dik il-kawża ċ-ċirkostanzi inbiddlu u b'digriet fl-atti datat 15 ta' Settembru 2015 (DOK B) din l-Onorabbli Qorti ordnat li Sean Borda jmur joqgħod mal-esponenti u b'digriet ieħor fl-atti, datat 2 ta' Ġunju 2017 [DOK C], din l-Onorabbli Qorti ordnat li Neil Borda wkoll biex jmur joqgħod mal-esponenti;

6. Illi peress li l-iskop ta dik il-kawża spiċċat, l-intimata ma kienx baqalha iktar interess fil-kawża u din marret *sine die* imbgħat ġiet deżerta;

7. Illi wara li nħargu dawn id-digrieti, u kif ingħad il-kawża ġiet deżerta, iż-żewġ ulied baqgħu jgħixu mal-esponenti u l-intimata kienet tivversa lill-esponenti manteniment ta' €250 għaż-żewġ ulied kull xahar, kif ordnat din l-Onorabbli Qorti fid-digriet *pendente lite* tat-2 ta' Ġunju 2017;

8. Illi dwar is-spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni iżda, minkejja li l-intimata ġiet interpellata diversi drabi biex tħallas għal nofs l-ammont żborżjat, hija qatt ma ħallset xejn u s-sena l-oħra l-esponenti nieda proċeduri ċivili biex jirkupra dawn l-ispejjeż;

9. Illi SB illum qiegħed jistudja l-Universita' u għadu jgħix mal-esponenti filwaqt li NB qiegħed jistudja l-MCAST, u f' Awissu 2021 rega' mar jgħix mal-intimata;

10. Illi minn Awissu 2021, l-intimata waqfet tħallas il-manteniment ta' €250 fix-xahar għal żewġ ulied li sa dak ix-xahar kienet tħallas lill-esponenti, probabilment bl-intendiment li la wild jgħix ma parti u wild jgħix mal-ieħor, ħadd ma jgħaddi xejn lil ħadd;

11. Illi f' Diċembru 2021 l-partijiet fetħu medjazzjoni biex is-sitwazzjoni tal-manteniment tiġi regolata;

12. Illi hekk kif fetħet il-medjazzjoni, l-intimata intavolat rikors *pendente lite* fejn *inter alia* tablet li l-esponenti jivversa manteniment ta' €250 għal Neil Borda, liema talba giet milqugħa (DOK D);

13. Illi peress f'dan ir-rikors l-intimata injorat għal kollox il-mantenimnet dovut għal binha l-ieħor Sean, l-esponenti talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex *pendente lite* takkorda l-istess ammont ta' manteniment ta' €250 għal SB b'hekk l-ammont ta' manteniment jaqtaw lil-xulxin;

14. Illi b'digriet tas-6 ta' Mejju 2022, din l-Onorabbli Qorti tablet lil-partijiet jissomettu l-introjtu tagħhom għall-aħħar 3 snin (DOK E);

15. Illi minkejja li kien għad hemm seduti tal-medjazzjoni iffissati, b'digriet tat-13 ta' Lulju 2022, *á sua sponte* din l-Onorabbli Qorti flok iddeċidiet dwar it-talbiet *pendente lite* li kellha quddiemha, ordnat li l-medjazzjoni tingħalaq u biex il-partijiet jipproċedu b' kawża skond il-liġi (DOK F);

16. Illi l-interpretazzjoni tal-intimata għas-sitwazzjoni hi li peress li l-kawża 152/2013 marret deżerta, ir-rikorsi *pendente lite* f'dik il-kawża ma jiswewx, għalekk m'hijiex obbligata tħallas għas-spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni għas-snin meta l-ulied kienu jgħixu għand l-esponenti u li mindu dik il-kawża marret deżerta, il-kuntratt tas-separazzjoni baqgħet tirregola l-partijiet, anke fejn jidħlu t-tfal, allavolja li ċ-ċirkostanzi kienu jirriflettu mod ieħor;

17. Illi imbgħad rigward il-manteniment, jidher l-intimata qed tirraġuna bil-kontra, u dan peress li qed tippretendi li tirċievi manteniment ta' €250 fix-xahar għal NB (skond id-digriet *pendente lite* tal-14 ta' Jannar 2022) u minn naħa l-oħra trid li tħallas lill-esponent manteniment ta' €125 fix-xahar għal SB (skond id-digriet *pendente lite* tat-2 ta' Ġunju 2017);

18. Illi peress li fil-passat kull meta t-tfal kienu jirreżjedu mal-intimata, taħt skuża jew oħra, hija dejjem użathom biex tvessa lill-esponenti b'pataflun ta' kawżiet u appelli kontra tiegħu, fejn sal-lum il-ġurnata hija fetħet xejn inqas minn ħmistax (15)-il kawża kontrih, u peress li issa wild minnhom reġa' mar jgħix għand l-intimata, l-esponenti jixtieq ċertezza u jevita' kemm jista' jkun iktar minn dawn l-azzjonijiet kontra tiegħu u għalekk qiegħed jirrikorri quddiem din l-Onorabbli Qorti u jitlobha bir-rispett biex tiddikjara l-pożizzjoni legali korretta fejn jirrigwardaw l-ulied li tirrifletti ċ-ċirkostanzi kif attwalment ġraw minn 2 ta' Gunju 2017 'l quddiem, u biex l-ammont tal-manteniment tal-ulied għandu jkun ammont indaqs.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i. Tiddikjara li mit-2 ta' Ġunju 2017 'l quddiem, (id-data ta' digriet fuq riferut), l-intimata kienet obbligata tħallas lill-esponenti manteniment ta' €250 kull xahar għaż-żewġ ulied, liema manteniment jogħla bir-rata tal-inflazzjoni; kif ukoll għal nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni;

ii. Tiddijkara li mill-20 ta' Diċembru 2021 'il quddiem (id-data meta infetħet l-aħħar medjazzjoni), il-manteniment dovut għal kull wild huwa ta' €250 fix-xahar li jiżdied kull sena bir-rata tal-inflazzjoni; kif ukoll nofs is-spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni;

iii. Tordna li sakemm l-ulied jibqgħu jgħixu għand kull wieħed mill-partijiet, m'hemmx il-ħtiega li manteniment u spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni jgħaddu bejn il-partijiet.

U dan taħt kull provvediment xieraq u opportun li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tipprovdi.

**Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenuta CS , datata 15 ta' Settembru 2022;**

**Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma:**

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu;

2. Illi preliminarjament it-talbiet ta' l-attur huma ġuridikament improponibbli u legalment inammissibbli in kwantu bit-talbiet tiegħu, jew liema waħda minnhom, huwa donnu qiegħed jitlob parir legali u dan għaliex mhijiex il-mansjoni tal-qrati illi jagħtu parir legali lil xi parti;

3. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attur irid iġib prova ta' x'*locus standi* għandu f'din il-kawża ladarba llum il-ġurnata iben il-kontendenti li jgħix miegħu, SB , ilu ftit mhux ħażin illi sar maġġorenni u f'każ illi huma m'għandux *locus standi* l-esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

4. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju, l-ewwel talba ta' l-attur hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda billi huwa ġuridikament improponibbli u legalment inammissibbli illi b'kawża tintalab konferma ġudizzjarja ta' digriet illi ingħata *pendente lite* f'kawża oħra illi marret deżerta ossija fil-kawża u l-kontro-talba bir-rikors maħluf bin-numru: 152/2013/AL illi ġiet dikjarata deżerta fl-24 ta' Diċembru, 2019;

5. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ewwel talba ta' l-attur hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda billi d-digriet illi għalih jagħmel referenza l-attur, dak tat-2 ta' Ġunju, 2017, ingħata biss *pendente lite* fil-kawża u l-kontro-talba bir-rikors maħluf bin-numru: 152/2013/AL illi ġiet dikjarata deżerta fl-24 ta' Diċembru, 2019 u għalhekk id-digriet imsemmi mogħti *pendente lite* ma ġie qatt ikkonfermat b'sentenza finali;

6. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ewwel talba ta' l-attur hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda billi d-digriet illi għalih jagħmel referenza l-attur, dak tat-2 ta' Ġunju, 2017, mogħti

*pendente lite* fil-kawża u l-kontro-talba bir-rikors maħluf bin-numru: 152/2013/AL illi ġiet dikjarata deżerta fl-24 ta' Diċembru, 2019 ma jistax jibdel dak miftiehem mill-kontendenti permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni personali iffirmat minnhom quddiem in-Nutar Ritienne Bugeja Fenech fl-10 ta' Lulju, 2009;

7. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ewwel talba ta' l-attur hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda billi skond l-artikolu 963 (6) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-effetti tad-deżerzjoni huma illi bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti tal-ewwel grad il-proċediment jispiċċa;

8. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ewwel talba ta' l-attur hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda billi r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti għal dak illi huwa manteniment u spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni hija regolata permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni personali iffirmat minnhom quddiem in-Nutar Ritienne Bugeja Fenech fl-10 ta' Lulju, 2009 illi qatt ma ġie emendat jew modifikat;

9. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ewwel talba ta' l-attur hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda billi hija waħda għal kollox inutili li l-mertu tagħha huwa saħansitra eżawrit bil-fatt illi wieħed minn ulied il-kontendenti, NB , ma baqax joqgħod ma' l-attur mid-19 ta' Awwissu, 2021 u għalhekk dak illi ġara fil-passat huwa għal kollox irrilevanti u lanqas ma jista' dak illi ġara fil-passat jiġi regolat jew interpretat kif mixtieq mill-attur minn dina l-Onorabbli Qorti f'din l-istanza;

10. Illi inoltre, fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet ta' l-attur fis-sens illi l-esponenti għandha tkun obbligata illi tħallas nofs l-ispejjeż

tas-saħħa u ta' l-edukazzjoni huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda billi skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali iffirmat minnhom quddiem in-Nutar Ritienne Bugeja Fenech fl-10 ta' Lulju, 2009 l-attur huwa obbligat illi waħdu jħallas dawn l-ispejjeż fl-intier tagħhom;

11. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tieni talba ta' l-attur hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda billi mhuwiex minnu illi mill-20 ta' Diċembru, 2021 kien hemm xi manteniment dovut u spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni kif imsemmi f'din it-talba u għal kuntrarju t-talba ta' l-attur biex jitħallas manteniment ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) fix-xahar ġjà ġiet miċħuda fl-atti tal-medjazzjoni imsemmija fit-tieni talba;

12. Illi mbagħad jekk l-attur qiegħed jipprova jvarja il-kuntratt ta' separazzjoni personali iffirmat mill-kontendenti quddiem in-Nutar Ritienne Bugeja Fenech fl-10 ta' Lulju, 2009 huwa kellu jitlob dan b'mod speċifiku u f'kull każ ma jeżistux ċirkostanzi illi jimmeritaw illi jinbidel jew jiġi modifikat il-kuntratt imsemmi;

13. Illi inoltre, sussidjarjament u dejjem mingħajr preġudizzju, ladarba l-attur qiegħed jitlob ħlas ta' manteniment għal iben il-kontendenti li qiegħed jgħix miegħu, Sean Borda, illi ilu ftit mhux ħażin illi sar maġġorenni l-attur għandu jipprova illi fil-perjodi imsemmija minnu u illi matulhom irid jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti l-imsemmi SB kien student li qiegħed jipparteċipa f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim *full-time* fis-sens ta' l-artikolu 3B (2) (a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

14. Illi anke t-tielet talba hija waħda illi hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda billi l-età ta' ulied il-partijiet mhijiex l-istess u

lanqas il-bżonnijiet tagħhom ma huma l-istess u għalhekk ma jistax jiġi ordnat dak mitlub mill-attur u f'kull każ l-attur ma għandux jiġi eżonerat mill-obbligi assunti minnu fil-kuntratt ta' separazzjoni personali iffirmat minnhom quddiem in-Nutar Ritienne Bugeja Fenech fl-10 ta' Lulju, 2009 kif pretiż minnu permezz ta' din it-talba;

15. Illi l-esponenti ma taqbilx man-narrattiva tal-fatti kif esposti mill-attur fir-rikors promotur tiegħu illi f'aspetti minnhom ma jirrispekkjawx il-verità iżda huma intiżi biss biex joskurawha b'mod partikolari iżda mhux biss fejn huwa jgħid illi l-esponenti ivvessatu b'xi ammont ta' kawżi billi dan mhuwiex assolutament minnu u l-verità pura u sempliċi hija illi kull kawża illi saret kienet dovuta għall-intransiġenza assoluta da parti ta' l-attur anke li jħallas dak dovut minnu għall-bżonnijiet ta' uliedu u dan kif jiġi ippruvat aħjar matul is-smiegħ ta' din il-kawża;

16. Salv tweġibiet ulterjuri.

Għal dawn ir-raġunijiet l-esponenti umilment titlob illi t-talbiet ta' l-attur jiġu miċħuda fl-intier. Bl-ispejjeż kontra l-attur illi huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni.

**IKKUNSIDRAT:**

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ;

Rat illi, fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2022, il-partijiet qablu u vverbalizzaw li l-kawza 152/13/AL fl-ismijiet CB vs JB, marret dezerta fl-24 ta' Dicembru 2019;

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2022, il-kawza thalliet ghal sentenza preliminari dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta;

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din is-sentenza *in parte* tittratta biss l-ewwel eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuta, u ghalhekk jehtieg li l-Qorti tesamina l-ligi in mertu tal-istess eccezzjonijiet sollevati minnha.

Illi d-deżerzjoni tal-kawżi hija regolata b' Titolu ghaliha fil-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili ta' Malta, u din tirregola l-mod partikolari kif kawza tintemm minhabba li tkun tqieset abbandunata minn min bdiha. L-effetti ta' l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli, fl-ewwel istanza, jkunu li l-kawza tintemm imma ma jintemmx maghha l-jedd li l-attur jibda proceduri ohrajn godda dwar l-istess kwestjoni, jekk kemm-il darba jkun ghadu fi zmien li jaghmel dan[1].

Illi l-artikolu 964 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> *964. (1) Kull kawża li jkun hemm f'qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili li, wara li tkun ġiet mressqa għas-smigħ, tiġi, b'ordni tal-qorti, differita sine die jew xort'oħra sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju ta' tliet (3) xhur minn*

[1] Ara **Ursula Neppl v Vincent Muscat et deciza mill-Prim'Awla fl-24 ta' Settembru 2001**

*meta tkun hekk ġiet differita jew sospiża jew ikun ġie ppreżentat fil-qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tiġi appuntata mill-ġdid:*

*Iżda meta l-kawża tkun ġiet sospiża sakemm tiġi deċiża kawża oħra, iż-żmien jibda għaddej mid-data meta din is-sentenza tkun mogħtija.*

*(2) Kawża tiġi appuntata mill-ġdid jew mill-qorti fuq il-mozzjoni tagħha stess jew wara rikors ta' waħda mill-partijiet.*

Illi fil-kaz odjern, m'hemmx dubju, tant li l-partijiet ivverbalizzaw fl-udjenza tat-12 t'Ottubru 2022, li l-kawza fl-ismijiet CB v JB, li kienet iggib in-numru 152/13/AL, marret dezerta fl-24 ta' Dicembru 2019;

Illi b'effett tad-dezerzjoni, l-atti kollha, inkluz id-digrieti u provvedimenti li inghataw f'dik il-procedura, ma jibqghux effettivi u konsegwentement huma nulli.

Il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 98 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

*L-atti ġudizzjarji, magħmulin bis-saħħa ta' att null jew li ġejjin minn att null, huma wkoll nulli.*

Illi ghalhekk l-attur ma jistax, permezz tal-proceduri odjerni, jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni li digriet li nghata f'kawza li giet dikjarata dezerta ghadu b'xi mod validu u vigenti u/jew li ghandu jigi osservat mill-kontroparti;

Illi ghalhekk din il-Qorti qed tghaddi biex tilqa' r-raba' eccezzjoni ssollevata mill-konvenuta u qed tiddikjara illi l-ewwel talba tal-Avukat JB hija legalment

improponibbli u ghalhekk filwaqt li tichad l-istess qed tordna l-prosegwiment tal-kawza fir-rigward tal-kumplament.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi inoltre, nonostante, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuta, sal-lum, salv ghal xi dokumenti relattivi ghar-raba' eccezzjoni, il-partijiet ghadhom ma bdewx iressqu l-provi taghhom la dwar l-istess eccezzjonijiet u lanqas dwar il-mertu;

Illi fil-fatt sal-lum ma ingiebet ebda prova dwar ir-residenza attwali tal-ulied u/jew dwar l-istat taghhom;

Illi ghalhekk f'dan l-istadju, il-Qorti thoss li jkun opportun li jitkompla l-prosegwiment tal-kawza b'dana illi t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta ghandhom jigu decizi finalment flimkien mat-tieni u t-tielet talbiet attrici wara l-gbir u s-smiegh tal-provi.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' r-raba' eccezzjoni sollevata mill-konvenuta fir-risposta guramentata taghha, u konsegwentement tichad l-ewwel talba attrici.

Ghaldaqstant tordna l-prosegwiment tal-proceduri odjerni fir-rigward tal-kumplament tat-talbiet.

Bl-ispejjez ta' din is-sentenza jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef Antonio G. Vella**

**Maria Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**